



EBA/GL/2015/20

03/06/2016

Linji Gwida

Il-limiti fuq l-espożizzjonijiet għall-entitajiet mhux bankarji li jwettqu attivitajiet bankarji barra qafas irregolat skont l-Artikolu 395(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jipprovdu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti ta' rapportar

3. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 03/08/2016. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jittqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-ABE lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza 'EBA/GL/2015/20'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifiki ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p.12).

2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw il-metodoloġija li għandha tintuża mill-istituzzjonijiet, bħala parti mill-proċessi u l-politiki interni tagħhom, għall-indirizzar u l-ġestjoni tar-riskju ta' konċentrazzjoni li jirriżulta mill-espożizzjonijiet għall-entitajiet mhux bankarji. B'mod partikolari, dawn il-linji gwida jispeċifikaw il-kriterji għall-iffissar ta' limitu aggregat xieraq fuq l-espożizzjonijiet għall-entitajiet mhux bankarji li jwettqu attivitajiet bankarji barra qafas irregolat, kif ukoll limiti individwali fuq l-espożizzjonijiet għal entitajiet bħal dawn.

Kamp ta' applikazzjoni

6. Dawn il-linji gwida jissodisfaw il-mandat mogħti lill-EBA skont l-Artikolu 395(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013².
7. Dawn il-linji gwida jibnu b'mod partikolari fuq l-Artikoli 73 u 74 tad-Direttiva 2013/36/UE³, li jitolbu lill-istituzzjonijiet sabiex ikollhom strateġiji u proċessi tajbin, effettivi u komprensivi sabiex jivvalutaw u jżommu fuq bażi kontinwa l-ammonti, it-tipi u d-distribuzzjoni ta' kapital intern li huma jqisu bħala adegwati sabiex ikopru n-natura u l-livell tar-riskji li għalihom huma jew jistgħu jkunu esposti, kif ukoll proċessi effettivi sabiex jidentifikaw, jiġġestixxu, jimmonitorjaw u jirrapportaw dawn ir-riskji, flimkien ma' mekkaniżmi adegwati ta' kontroll intern; u l-Artikoli 97 u 103 tad-Direttiva 2013/36/UE, li jstabbilixxu li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu l-arranġamenti, l-istrateġiji, il-proċessi u l-mekkaniżmi implimentati mill-istituzzjonijiet sabiex jikkonformaw mar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u mad-Direttiva 2013/36/UE u jevalwaw ir-riskji li għalihom huma jew jistgħu jkunu esposti l-istituzzjonijiet, u li huma jistgħu japplikaw il-proċess superviżorju ta' reviżjoni u evalwazzjoni (SREP) għall-istituzzjonijiet li huma jew jistgħu jkunu esposti għal riskji simili jew jikkawżaw riskji simili għas-sistema finanzjarja.
8. Dawn il-linji gwida japplikaw għall-espożizzjonijiet għall-entitajiet mhux bankarji kif definiti hawn taħt.

² Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-reqwiziti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 321, 30.11.2013, p. 6).

³ Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).



9. Dawn il-linji gwida japplikaw għall-istituzzjonijiet li għalihom tapplika r-Raba' Parti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (Espożizzjonijiet Kbar), b'konformità mal-livell ta' applikazzjoni stabbilit fil-Parti I, it-Titolu II, ta' dak ir-Regolament.

Id-destinatarji

10. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definiti fil-punt (i) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u lill-istituzzjonijiet finanzjarji kif definiti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1093/2010.

Definizzjonijiet

11. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fid-Direttiva 2013/36/UE għandhom l-istess tifsira fil-linji gwida. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

<p>Attivitajiet ta' intermedjazzjoni ta' kreditu</p>	<p>L-attivitajiet simili għal dawk tal-banek li jinvolvu trasformazzjoni tal-maturità, trasformazzjoni tal-likwidità, ingranaġġ, trasferiment tar-riskju ta' kreditu jew attivitajiet simili.</p> <p>Dawn l-attivitajiet jinkludu mill-inqas dawk elenkati fil-punti li ġejjin tal-Anness 1 tad-Direttiva 2013/36/UE: il-punti 1 sa 3, 6 sa 8 u 10.</p>
<p>Espożizzjonijiet għall-entitajiet mhux bankarji</p>	<p>Espożizzjonijiet għal entitajiet individwali mhux bankarji skont ir-Raba' Parti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 b'valur ta' espozzizzjoni, wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu b'konformità mal-Artikoli 399 sa 403 u l-eżenzjonijiet b'konformità mal-Artikoli 400 u 493(3) ta' dak ir-Regolament, daqs jew aktar minn 0.25% tal-kapital eliġibbli tal-istituzzjoni kif definit fl-Artikolu 4(1)(71) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.</p>
<p>Entitajiet mhux bankarji</p>	<p>L-impriżi li jwettqu attività ta' intermedjazzjoni tal-kreditu waħda jew aktar u li mhumiex impriżi esklużi.</p>
<p>Impriżi esklużi</p>	<p>(1) impriżi inklużi f'superviżjoni kkonsolidata abbażi tas-sitwazzjoni kkonsolidata ta' istituzzjoni kif</p>



definita fl-Artikolu 4(1)(47) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

(2) impriżi li jiġu ssorveljati fuq bażi kkonsolidata minn awtorità kompetenti ta' pajjiż terz skont il-liġi ta' pajjiż terz li japplika rekwiżiti superviżorji u prudenzjali li jkunu mill-inqas ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni.

(3) impriżi li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-punti (1) u (2), iżda li huma:

(a) l-istituzzjonijiet ta' kreditu; (b) id-ditti tal-investment;

(ċ) l-istituzzjonijiet ta' kreditu ta' pajjiż terz, jekk il-pajjiż terz japplika rekwiżiti superviżorji u prudenzjali għal dik l-istituzzjoni li jkunu mill-inqas ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni;

(d) id-ditti tal-investment rikonoxxuti ta' pajjiż terz;

(e) l-entitajiet li huma istituzzjonijiet finanzjarji awtorizzati u ssorveljati mill-awtoritajiet kompetenti jew mill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż terz u soġġetti għal rekwiżiti prudenzjali komparabbli ma' dawk applikati għall-istituzzjonijiet f'termini tar-robustezza fejn l-espożizzjoni(jiet) tal-istituzzjoni għall-entità kkonċernata tiġi ttrattata bħala espożizzjoni għal istituzzjoni skont l-Artikolu 119(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(f) l-entitajiet imsemmija fil-punti (2) sa (23) tal-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2013/36/UE;

(g) l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2013/36/UE;

(h) il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni, l-impriżi tal-assigurazzjoni, l-impriżi tar-riassigurazzjoni u l-impriżi tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz u l-impriżi ta' riassigurazzjoni ta' pajjiż terz fejn is-sistema superviżorja tal-pajjiż



terz ikkonċernat titqies bħala ekwivalenti;

(i) l-impriżi esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE⁴ b'konformità mal-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva;

(j) l-istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali skont it-tifsira tal-punt (a) tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/41/KE⁵ jew li huma soġġetti għal rekwiżiti superviżorji u prudenzjali komparabbli ma' dawk applikati għall-istituzzjonijiet skont it-tifsira tal-punt (a) tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/41/KE f'termini ta' robustezza;

(k) l-impriżi ta' investiment kollettiv:

(i) skont it-tifsira tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/65/KE⁶;

(ii) stabbiliti f'pajjiżi terzi fejn huma awtorizzati skont il-liġijiet li jistabbilixxu li huma soġġetti għal superviżjoni meqjusa bħala ekwivalenti għal dik stipulata fid-Direttiva 2009/65/KE;

(iii) skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 2011/61/UE⁷ bl-eċċezzjoni ta':

- impriżi li japplikaw ingranaġġ fuq bażi sostanzjali skont l-Artikolu 111(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 231/2013⁸ u/jew

⁴ Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

⁵ Id-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (ĠU L 235, 23.9.2003, p. 10).

⁶ Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

⁷ Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

⁸ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjonijiet, il-kundizzjonijiet ġenerali tal-operat, id-depożitarji, l-ingranaġġ, it-trasparenza u s-superviżjoni (ĠU L 83, 22.3.2013, p. 1)



- impriżi li huma permessi li joriġinaw is-self jew jixtru espożizzjonijiet għal self ta' partijiet terzi fil-karta bilanċjali tagħhom skont ir-regoli tal-fond rilevanti jew l-istrumenti tal-inkorporazzjoni;

(iv) li huma awtorizzati bħala 'fondi Ewropej ta' investiment fit-tul' b'konformità mar-Regolament (UE) 2015/760⁹;

(v) skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament (UE) 346/2013¹⁰ ('fondi ta' intraprenditorija soċjali li jikkwalifikaw');

(vi) skont it-tifsira tal-Artikolu 3(b) tar-Regolament (UE) 345/2013¹¹ ('fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw').

Ħlief l-impriżi li jinvestu f'assi finanzjarji b'maturità residwa ta' mhux aktar minn sentejn (assi fuq terminu qasir) u li għandhom l-għanijiet distintivi jew kumulattivi li joffru redditi konformi mar-rati tas-suq monetarju jew li jippreservaw il-valur tal-investiment (fondi tas-suq monetarju);

(l) il-kontropartijiet ċentrali (CCPs) kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012¹² stabbiliti fl-UE u f'pajjiżi terzi;

⁹ Ir-Regolament (KE) Nru 2015/760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-fondi ta' investiment Ewropej fuq terminu twil (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 98).

¹⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar il-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 18).

¹¹ Ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 1).

¹² Ir-Regolament (UE) 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).



CCPs rikonoxxuti mill-ESMA skont l-Artikolu 25 ta' dak ir-Regolament;

(m) l-emittenti ta' flus elettroniċi kif definiti fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/110/KE¹³;

(n) l-istituzzjonijiet tal-ħlas kif definiti fil-punt (4) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2007/64/KE¹⁴;

(o) l-entitajiet li l-attività prinċipali tagħhom hija li jwettqu attivitajiet ta' intermedjazzjoni tal-kreditu għall-impriżi prinċipali tagħhom, għas-sussidjarji tagħhom jew għal sussidjarji oħrajn tal-impriżi prinċipali tagħhom;

(p) l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni, il-veikoli tal-immaniġġjar tal-assi u l-istituzzjonijiet tranżitorji kif definiti fil-punti (18), (56) u (59) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/59/UE¹⁵ u l-entitajiet li huma proprjetà sħiħa jew parzjali ta' awtorità pubblika waħda jew aktar stabbiliti qabel l-1 ta' Jannar 2016 bl-iskop li jirċievu u jżommu wħud mill-assi, mid-drittijiet u mill-obbligi, jew kollha kemm huma, ta' istituzzjoni waħda jew aktar sabiex jippreservaw jew jiksbu lura l-vijabbiltà, il-likwidità jew is-solvenza ta' istituzzjoni jew sabiex jistabbilizzaw is-suq finanzjarju.

3. Implimentazzjoni

¹³ Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7).

¹⁴ Id-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE (ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1).

¹⁵ Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).



Data tal-applikazzjoni

12. Dawn il-linji gwida japplikaw mill-01.01.2017.

4. Ir-rekwiżiti dwar il-limiti fuq l-espożizzjonijiet għall-entitajiet mhux bankarji

13. L-istituzzjonijiet għandhom jikkonformaw mal-prinċipji ġenerali msemmija f'din it-taqsimha, kif ukoll jiffissaw limiti kif imsemmi taħt it-Taqsima 5, kif applikabbli.

Proċessi u mekkaniżmi ta' kontroll effettivi

14. L-istituzzjonijiet għandhom:

- a. Jidentifikaw l-espożizzjonijiet individwali tagħhom għall-entitajiet mhux bankarji, ir-riskji potenzjali kollha għall-istituzzjoni li jirriżultaw minn dawk l-espożizzjonijiet, kif ukoll l-impatt potenzjali ta' dawk ir-riskji.
- b. Jistabbilixxu qafas intern għall-identifikazzjoni, il-ġestjoni, il-kontroll u l-mitigazzjoni tar-riskji deskritti fil-punt a). Dan il-qafas għandu jinkludi l-analiżi definita b'mod ċar li għandha titwettaq mill-uffiċjali tar-riskji rigward in-negozju ta' entità mhux bankarja li għaliha tinħoloq espożizzjoni, ir-riskji potenzjali għall-istituzzjoni u l-probabbiltà li jinħoloq kontagġju minn dawn ir-riskji għall-entità. Din l-analiżi għandha ssir taħt is-superviżjoni tal-kumitat dwar ir-riskju ta' kreditu, li għandu jkun debitament informat bir-riżultati.
- c. Jiżguraw li r-riskji deskritti fl-ittra a) jiġu kkunsidrati b'mod adegwat fi ħdan il-Proċess ta' Valutazzjoni Interna dwar l-Adegwatezza tal-Kapital (ICAAP) tal-istituzzjoni u l-ippjanar tal-kapital.
- d. Abbażi tal-valutazzjoni mwettqa skont l-ittra a), jiffissaw it-tolleranza tar-riskju/predispożizzjoni għar-riskju tal-istituzzjoni għall-espożizzjonijiet għall-entitajiet mhux bankarji.
- e. Jimplimentaw proċess robust sabiex tiġi ddeterminata l-interkonnnettività bejn l-entitajiet mhux bankarji u bejn l-entitajiet mhux bankarji u l-istituzzjoni. B'mod partikolari, dan il-proċess għandu jindirizza s-sitwazzjonijiet fejn l-interkonnnettività ma tkunx tista' tiġi ddeterminata u għandu jistabbilixxi tekniki ta' mitigazzjoni xierqa sabiex jiġu indirizzati r-riskji potenzjali li jirriżultaw minn din l-inċertezza.
- f. Ikollhom proċeduri u proċessi ta' rapportaġġ effettivi għall-korp maniġerjali rigward l-espożizzjonijiet għall-entitajiet mhux bankarji fi ħdan il-qafas tal-ġestjoni tar-riskji globali tal-istituzzjoni.
- g. Jimplimentaw pjanijiet ta' azzjoni xierqa f'każ ta' ksur tal-limiti stabbiliti mill-istituzzjoni b'konformità mat-Taqsima 5.



Sorveljanza mill-korp maniġerjali tal-istituzzjonijiet

15. Meta jiġi biex jissorvelja l-applikazzjoni tal-prinċipji msemmija hawn fuq, kif ukoll l-applikazzjoni tal-limiti stabbiliti b'konformità mal-approċċ prinċipali fit-Taqsima 5, il-korp maniġerjali tal-istituzzjoni għandu, fuq bażi regolari stabbilita minn qabel:
- a. jirrevedi u japprova l-predispożizzjoni għar-riskju tal-istituzzjoni għall-espożizzjonijiet għall-entitajiet mhux bankarji u l-limiti individwali u aggregati ffissati skont it-Taqsima 5;
 - b. jirrevedi u japprova l-proċess tal-ġestjoni tar-riskji għall-ġestjoni tal-espożizzjonijiet għall-entitajiet mhux bankarji, inklużi analiżi tar-riskji li jirriżultaw minn dawk l-espożizzjonijiet, tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskji u l-impatt potenzjali fuq l-istituzzjoni taħt xenarji ta' stress;
 - c. jirrevedi l-espożizzjonijiet tal-istituzzjoni għall-entitajiet mhux bankarji (fuq bażi individwali u aggregata) bħala perċentwal tal-espożizzjonijiet totali u tat-telf mistenni u effettivament imġarrab;
 - d. jiżgura li l-iffissar tal-limiti msemmija f'dawn il-linji gwida jiġi ddokumentat, inklużi kwalunkwe bidliet li jsiru fihom.
16. Il-korp maniġerjali tal-istituzzjoni jista' jiddelega r-reviżjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 15 a) sa d) lill-maniġment superjuri.

5. Approċċ prinċipali għall-iffissar ta' limiti għall-espożizzjonijiet għall-entitajiet mhux bankarji

L-iffissar ta' limitu aggregat fuq l-espożizzjonijiet għall-entitajiet mhux bankarji

17. L-istituzzjonijiet għandhom jiffissaw limitu aggregat għall-espożizzjonijiet tagħhom għall-entitajiet mhux bankarji b'mod relattiv għall-kapital eliġibbli tagħhom.
18. Meta tiġi biex tiffissa limitu aggregat għall-espożizzjonijiet għall-entitajiet mhux bankarji, kull istituzzjoni għandha tiegħu f'kunsiderazzjoni:
 - a. il-mudell kummerċjali tagħha, il-qafas tal-ġestjoni tar-riskji kif deskritt fil-paragrafu 14 b) u l-predispożizzjoni għar-riskju kif deskritta fil-paragrafu 14 d);
 - b. id-daqs tal-espożizzjonijiet attwali tagħha għall-entitajiet mhux bankarji relattiv għall-espożizzjonijiet totali tagħha u relattiv għall-espożizzjoni totali tagħha għall-entitajiet irregolati fis-settur finanzjarju;
 - c. l-interkonnnettività kif deskritta fil-paragrafu 14 e).

L-iffissar ta' limiti individwali fuq l-espożizzjonijiet għall-entitajiet mhux bankarji

19. Indipendentement mil-limitu aggregat u b'żieda ma' dan, l-istituzzjonijiet għandhom jiffissaw limiti aktar stretti fuq l-espożizzjonijiet individwali tagħhom għall-entitajiet mhux bankarji. Meta jiġu biex jiffissaw daww il-limiti, bħala parti mill-proċess ta' valutazzjoni interna tagħhom, l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni:
 - a. l-istatus regolatorju tal-entità mhux bankarja, b'mod partikolari jekk hijiex soġġetta għal xi tip ta' rekwiżiti superviżorji jew prudenzjali;
 - b. is-sitwazzjoni finanzjarja tal-entità mhux bankarja inkluża, iżda mhux limitata għal, il-pożizzjoni kapitali, l-ingranaġġ u l-pożizzjoni tal-likwidità tagħha;
 - c. l-informazzjoni disponibbli dwar il-portafoll tal-entità mhux bankarja, b'mod partikolari s-self improduttiv;
 - d. l-evidenza disponibbli dwar l-adeqgatezza tal-analiżi kreditizja mwettqa mill-entità mhux bankarja fuq il-portafoll tagħha, jekk applikabbli;
 - e. jekk l-entità mhux bankarja hijiex ser tkun vulnerabbli għall-prezz tal-assi jew għall-volatilità tal-kwalità kreditizja;



- f. il-konċentrazzjoni tal-attivitajiet ta' intermedjazzjoni tal-kreditu relattiva għal attivitajiet kummerċjali oħrajn tal-entità mhux bankarja;
- g. l-interkonnnettività kif deskritta fil-paragrafu 14 e);
- h. kwalunkwe fattur rilevanti ieħor identifikat mill-istituzzjoni taħt il-paragrafu 14 a).

6. L-approċċ ta' riżerva

20. Jekk l-istituzzjonijiet ma jkunux jistgħu japplikaw l-approċċ prinċipali kif stabbilit fit-Taqsima 5, l-espożizzjonijiet aggregati tagħhom għall-entitajiet mhux bankarji għandhom ikunu soġġetti għal-limiti fuq espożizzjonijiet kbar b'konformità mal-Artikolu 395 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (inkluż l-użu tal-Artikolu 395(5) tal-istess Regolament) ('l-approċċ ta' riżerva').

21. L-approċċ ta' riżerva għandu jiġi applikat kif ġej:

- a) Jekk l-istituzzjonijiet ma jistgħux jissodisfaw ir-rekwiżiti rigward il-proċessi u l-mekkaniżmi ta' kontroll effettivi jew is-sorveljanza mill-korp maniġerjali tagħhom kif stabbilit fit-Taqsima 4, huma għandhom japplikaw l-approċċ ta' riżerva għall-espożizzjonijiet kollha tagħhom għall-entitajiet mhux bankarji (jiġifieri s-somma tal-espożizzjonijiet kollha tagħhom għall-entitajiet mhux bankarji).
- b) Jekk l-istituzzjonijiet jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-proċessi u l-mekkaniżmi ta' kontroll effettivi jew is-sorveljanza mill-korp maniġerjali tagħhom kif stabbilit fit-Taqsima 4, iżda ma jistgħux jiġbru biżżejjed tagħrif sabiex ikunu jistgħu jistabbilixxu limiti xierqa kif stabbilit fit-Taqsima 5, huma għandhom japplikaw biss l-approċċ ta' riżerva għall-espożizzjonijiet għall-entitajiet mhux bankarji, li għalihom l-istituzzjonijiet ma jistgħux jiġbru biżżejjed tagħrif. L-approċċ prinċipali kif stabbilit fit-Taqsima 5 għandu jiġi applikat għall-bqija tal-espożizzjonijiet għall-entitajiet mhux bankarji.